# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2579

**Kaz Nru. 3197/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Salvina sive Silvia Mizzi (ID No:391057(M)**

**u**

**Garendon School**

**u**

**Mary Carmen sive Marlene Tua (Karta tal-Identita bin-numru 941247(M)**
**fil-kariga taghha ta' Principal tal-istess Skola.**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrent Salvina sive Silvia Mizzi li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fl' 24 ta' Jannar, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avukat Michael Tanti Dougall u mis-sur**

**Marco Bonnici President tal-MUT u ghall-Iskola ntimata dehret Ms Marlene Tua li kienet assistita mill-Avv. Andrew Borg Cardona.**

**Fl'-istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti tghid, li kienet kindergarten assistant fuq bazi full-time mal-iskola ntimata u dan a bazi ta' kuntratt ta' zmien indefinit u liema kundizzjonijiet ta' xoghol kien gie regolat permezz ta' ftehim kollettiv bejn l-imsemmija skola u l-Malta Union of Teachers (MUT). Hija tghid ukoll, li l-impjieg taghha full-time kien jikkoncerna it-taghlim lill-istudenti fil-livell ta' kindergarten.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, illi kemm damet tahdem f'din l-iskola, hija qatt ma kellha problemi jew ilmenti mill-genituri tal-istudenti li taghhom hija kienet ghalliema. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li kif jirrizulta mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, kienet giet infurmatha mill-intimati li l-impjieg taghha kien gie terminat u li hija kellha tibqa tithallas sat-30 ta' Settembru, 2013.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li erronjament jew dolozament, l-intimati ndikaw li r-raguni tat-tmiem tal-impjieg kien fuq bazi ta' "business closed down". Hija tkompli tghid, li din ir-raguni kienet manifestament zbaljata anzi qarrieqa ghar-raguni li l-kindergarten baqghet topera. Hija**

**tghid ukoll, li ghalhekk it-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet tkeccija ngusta.**

**Ir-rikorrenti tghalaq l-istqarrija tal-kaz fejn tghid, li nvista ta' dan qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal li joghgbu:**

1) **Jiddeciedi u jiddikjara illi l-impjieg taghha gie tterminat esklussivament minhabba l-kondotta tal-intimati, liema kondotta tikkostitwixxi ksur materjali tal-ftehim t'impjieg li kien ezistenti bejn il-kontendenti;**
2) **Jiddeciedi u jiddikjara illi t-terminazzjoni t'impjieg hija ngusta min-naha tal-intimati;**
3) **Jiddeciedi li hija ghandha dritt li tigi kumpensata minhabba din it-tkeccija ngusta;**
4) **Jillikwida l-kumpens dovut lillha bhala konsegwenza ta' din it-terminazzjoni ngusta;**
5) **Jikkundanna lill-intimati jhallsu dan il-kumpens lillha;**
6) **Jordna lill-intimati sabiex jipprezentaw d-dikjarazzjoni dwar it-tmien tal-impjieg lill-Korporazzjoni dwar ix-Xoghol u t-Tahrig li fiha tkun murija r-raguni reali tat-tmiem tal-impjieg.**

**Ghall-iskola da parti taghha qalet fid-dikjarazzjoni tal-kaz li l-ewwel lok, Marlene Tua ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hi ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-appellanti. Hija tghid ukoll li fit-tieni lok, it-Tribunal ghandu jikkunsidra li l-proceduri huma estitni minhabba t-trapass ta' aktar minn erba' xhur minn meta sehhet attwalment it-tkeccija u dan fid-dawl tas-segwenti.**

**L'istqarrija tghid ukoll lejn Marzu ta' 2013, kienu ddeterminaw illi l-operat tal-iskola kellu jitwaqqaf minhabba problemi finanzjarji serji u l-ghalliema kollha nghataw avviz dwar dan.**

**L'istqarrija ta' l-intimati tkompli tghid, li ftit xhur wara bl-intervent ta' numru ta' genituri, nstab mezz biex l-operat tal-kindergarten jibqa' ghaddej, ghalkemm b'mod ridott u l-intimati kienu ddecidew, anke erronejament, lil minn kienu ser izommu fl-impieg. L-istqarrija tghid ukoll, li ovvjament meta gew mgharrfa illi l-ghazliet li ghamlu ma kienux konformi mal-ligi, u dan anke permezz ta' diskussjonijiet u komunikazzjonijiet mal-Union rapprezentattiva, l-MUT gie mitlub mill-intimati illi l-ghalliema, fosthom l-appellanti, illi skond il-ligi kellhom ikunu huma li jibqghu fl-impjieg u jindikaw illi kienu lesti jaghmlu dan, biex l-intimati jkunu jistghu jibdew ilestu ghas-sena skolastika li tmiss.**

**L-istqarrija tghid ukoll, li ma kienx hemm risposta ghal dak li talbu l-intimati, anzi l-atmosfera saret wahda mimlija tensjoni, u nghata deadline mill-intimati sa meta riedu risposta.**

**Fl-istqarrija ta' l-intimati jinghad ukoll, li f'laqgha fil-prezenza tal-MUT f' Lulju, li kienet wara li skadiet id-deadline pero l-intimati dejjem urew flessibilita, l-appellanti gabu ruhhom b'mod tant arroganti li ma kienx hemm lok illi r-relazzjoni ta' impjieg titkompla u tkeccew, allavolja minhabba l-provvedimenti tal-ligi dwar pagamenti dovuti lill-ghalliema ghal dak li hu vaganzi, sar hlas sa Settembru.**

**L'iskola tghalaq l-istqarrija taghha fejn tghid li ghalhekk t-tkeccija sehhet f'Lulju u apparti dan sehhet ghal ragunijiet tajba u sufficjenti. Ghaldaqstant ma hemmx kaz ta' tkeccija ngusta.**

**Mill-provi jirrizulta, li mill-pay-slip tar-rikorrenti hija baqghet tithallas il-paga sat-30 ta' Settembru, 2013 kif ukoll mill-istess pay-slip jirrizulta, li hija wkoll halset in-National Insurance sat-30 ta' Settembru, 2013.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota li kif jirrizulta mill-provi, kienu ghaddejjien diskussjonijiet bejn il-principal ta' l-iskola u l-Malta Union of Teachers biex ir-rikorrenti tkompli fl'impjieg. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li peress li rrikorrenti kienet ghadha fl-impjieg sat-30 ta' Settembru, hija la setghet tirregistra ghax xoghol biex issib impjieg iehor u lanqas setghet tibbenefika mis-servizzi socjali ghal disimpjieg.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkonsidra dawn il-provi jiddeciedi, li d-data effettiva tat-terminazzjoni tal-impjieg hija t-30 ta' Settembru, 2013. Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li dan il-kaz ma giex preskritt peress, li r-rikorrenti pprezentat id-Dikjarazzjoni tal-kaz taghha fir-registru tal-Qorti fl'24 ta' Jannar, 2014 u ghalhekk gie pprezentat fi zmien erba xhur kif tipprovdi l-ligi.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-haddiema kienu rapprezentati mill-Malta Union of Teachers u fl-2005, kien sar Ftehim Kollettiv. Il-perjodu tal-Ftehim Kollettiv kien ta' tlett snin u klawsola 3 tghid:**

**A) " The duration of this Agreement shall be for a period of three (3) years beginning 1 st January, 2005 and ending on 31st December, 2007.**

**B) At any time after 1st July, 2007 either party may give to the other notice in writing expressing its wish for the Agreement to be extended for a further period or its intention to terminate the Agreement after the expiry date. In the latter case both parties will begin to negotiate a new Agreement provided that such a date as a new Agreement is signed the present Agreement shall continue in force".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-ebda naha ma nfurmat lin-naha l-ohra biex dan il-Ftehim Kollettiv jigi terminat.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghal diversi ragunijiet l-iskola kienet ilha ghaddejja minn perjodu finanzjarju hazin u dan wassal sabiex mill-bidu tas-sena 2013, id-dirigenti tal-iskola bdew juru l-intenzjoni li jew l-iskola tittiehed minn xi organizazzjoni ohra jew li kienet tghalaq kompletament.**

**Dwar din is-sitwazzjoni bdew jigu wkoll mgharrfa l-ghalliema u sa mill-bidu ta' Marzu giet wkoll involuta l-Malta Union of Teachers li kienet tirraprezenta lill-ghalliema. Mill-provi jirrizulta wkoll, li minn naha tal-Malta Union of Teachers insistew li jekk l-iskola tittiehed minn organizazzjoni ohra jew ikun hemm sensji l-ghalliema ghandhom jibbenefikaw minn terminal benefits skond il-Ftehim Kollettiv.**

**Mill-provi jirrizulta, li skond il-Ftehim Kollettiv citat hawn fuq klawsola 16 Terminal Benefits tghid "If the school authorities decide to close the school, or if the school is passed on to new owners, terminal benefits amounting to one year's salary shall be paid to each employee as terminal benefits.**

**In the case of change in ownership and the kindergarten assistant is given the option of remaining in employment under the same conditions but refuses, he shall forfeit his entitlement to terminal benefits".**

**Klawsola 16 tkompli tghid "(Terminal Benefits) will be held in abeyance on the date of signing of this Agreement and will be revisited after a period ot twelve months from the date of signing".**

**Mill-provi jirrizulta, li meta ghaddiet sena mill-Ftehim Kollettiv ma kienx hemm diskussjonijiet dwar il-provedimenti ta' din il-klawsola. Izda ghalkemm ma saret l-ebda diskussjoni bejn il-partijiet, meta inqalghet il-problema dwar il-futur ta' l-iskola l-Union ghamlet it-talba lill management ta' l-iskola sabiex l-ghalliema jigu moghtija t-terminal benefits.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li f'Lulju 2013, wara li kien hemm diversi inizjattivi anke mill-Partents Association, gie deciz li l-iskola tkompli izda n-numru ta' klassijiet jigu mnaqsa ghal tlieta.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-principal ta' l-iskola tghid, li nfurmat diversi drabi permezz ta' emails lis-Sur Franklin Barbara Segretarju Generali tal-Malta Union of Teachers, bl'ahhar email li giet indirizzata lillhu kellha d-data tat-23 ta' Lulju, 2013. Din l-email tghid, li l-principal ta' l-iskola kienet ghadha qed tistenna risposta minn naha tieghu dwar jekk it-tlett ghalliema bl'aktar senioritry kienux accettaw li jahdmu. Il-principal tghid ukoll, li f'din l-email qaltlu li jekk ma tircievix risposta fi zmien gimghatejn kienet se tehodha for granted li t-teachers koncernati ma kienux interressati aktar fix-xoghol. Dwar dan is-Sur Franklin Barbara jghid, li huwa qatt ma ircieva dawn l-emails. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-principal qatt ma kkuntattjat direttament lir-rikorrenti.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li l-principal tghid, li peress li ma ircevit l-ebda risposta minghand is-Sur Barbara ddecidiet li zzomm tlett ghalliema ohra li kellhom anqas anzjanita fis-servizz mir-rikorrenti. Mill-provi jirrizulta wkoll, li rrikorrenti llmentat meta saret taf li l-iskola baqghet topera u kien hemm ghalliema b'anqas anzjanita fis-servizz minnha.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li dwar dan l-ilment tar-rikorrenti li maghha hemm involuti zewg ghalliema ohra giet involuta wkoll il-Malta Union**

**of Teachers u kien hemm komunikazzjonijiet bejn il-Union u l-principal. Dan il-kuntatt wassal biex kif jirrizulta mill-provi, li l-principal kienet lesta li taccetta li zzomm fl'impieg lir-rikorrenti u lill zewg ghalliema ohra li ghandhom l-aktar anzjanita fis-servizz u dan jirrizulta mill-email datata 20 ta' Awissu, 2013 mibghuta mis-sur Franklin Barabara Segretarju Generali tal-MUT lil Mrs Tua Principal tal-iskola. Din l-email tghid, "I refer to our communication regarding the possibility of continuation of employement for the three members of staff in the forthcoming September. I have spoken to the teachers concerned who are expressing interest pending your confirmation. I appreciate some information on their conditons of work". Minn naha ta' Mrs Tua twiegeb permezz ta' email datata 21 ta' Awissu, 2013 fejn tghid "Kindly tell the teachers concerned to phone me up for more details regarding salaries. Thank you".**

**B'rizultat ta' dan saret laqgha bejn il-principal u r-rikorrenti fit-23 ta' Awissu, 2013 u f'din il-laqgha l-principal tghid li gie muri lir-rikorrenti li minn naha taghha (il-principal) kienet ilha tipprova tikkomunika mal-Malta Union of Teachers fejn infurmathom li l-iskola kienet se tkompli bi klassijiet imnaqqsa u se zzomm l-aktar tlett ghalliema li kellhom l-aktar anzjanita fis-servizz, pero peress li ma irceviet l-ebda risposta mill-Malta Union of Teachers u l-iskola kellha committmets biex tkompli topera, ma kienx hemm alternattiva ghajr li timpjega tlett ghalliema ohra u ghalhekk ir-rikorrenti u z-zewg ghalliema l-ohra tilfu ic-cans li jkomplu fl'impieg.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li f'din il-laqgha tat-23 ta' Awissu, 2013 kienet xi ftit kommoventi u l-principal tghid, li peress li r-rikorrenti ma gabitx ruha tajjeb f'din il-laqgha hija ddecidiet li tittermina l-impieg tar-rikorrenti u zzomm ghalliema fl'impieg li kienu anqas anzjani fis-servizz.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra hu, li kif jirrizulta mill-provi u dan gie kkonfermat mill-istess principal, li r-rikorrenti kienet wahda mill-ghalliema li kellha anzjanita aktar fis-servizz (seniority) u ghalhekk hija kellha tkun wahda mit-tlett ghalliema li zzomm l'impieg.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-punt ta' divergenza f'din il-Kwistjoni tax-xoghol hija li l-principal tghid, li kienet ippruvat b'diversi emails tikkuntattja lis-Sur Franklin Barbara li f'dak iz-zmien kien jokkupa l-kargia ta' Segretarju Generali tal-Malta Union of Teachers biex tinfurmah, li kienet se zzomm fl'impieg l-aktar ghalliema li kellhom anzjanita fl'impieg u jekk dawn kienux interessati li jzommu l-impieg imma peress li hija tghid, li ma irceviet l-ebda risposta minghand is-Sur Barabara hija ddecidiet li zzomm fl'impieg ghalliema ohra li kienet diga zammet fl'impieg meta nqalghet din il-Kwestjoni**

**tax-xoghol. Minn naha tieghu s-Sur Barbara jghid li huwa qatt ma ircieva dawn l-emails.**

**Dwar din il-kwestjoni ta' l-emails, it-Tribunal Industrijali ezamina dan l-aspett bir-reqqa pero ma setghax jistabilixxi, jekk dawn l-emails gewx mibghuta minn Ms Tua u lanqas setgha jistabilixxa li jekk dawn intbghatu waslux ghand is-sur Barbara.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-aspett huwa tal-fehma, li apparti li ma setghax jigi stabilit jekk is-Sur Barbara irceviex dawn l-emails jew le, pero l-principal kellha obbligu li jekk ma ircevietx l-ebda risposta mill-MUT hija kellha tikkuntattja lir-rikorrenti direttament u dan setghet tghamlu facilment ghax ir-rikorrenti kienet impjegata maghha u kienet taf fejn tistgha tikkuntattjaha. Il-principal kullma kellha tghamel hu, li tinforma lir-rikorrenti li se tinzam fl'impjieg u li kellha tirraporta ghax-xoghol fil-gurnata li tiddeciedi l-principal.**

**Pero, minn kif jirrizulta mill-provi din is-sitwazzjoni kellha tigi rizolta ghaliex wara li kien hemm diskussjonijiet bejn il-Malta Union of Teachers u l-principal, minn naha tal-principal gie accettat li**

**r-rikorrenti kellha tkompli fl'impjieg u dan jirrizulta mill-emails tal-20 u 21 ta' Awissu, u ghal dan saret laqgha fit-23 ta' Awissu.**

**Il-principal tghid, li f'din il-laqgha li saret peress li r-rikorrenti ma ddeportatx ruha sew kienet (il-principal) iddecidiet li ma zzommx fl'impieg lir-rikorrenti u ddecidiet li zzomm ghalliema ohra b'anqas anzjanita ta' servizz fl'impieg.**

**It-Tribunal Industrijali ma jistghax jaccetta l-ispjega tal-principal, li ma zammitx lir-rikorrenti fl'impieg minhabba allegat ta' imgieba hazina, ghax jekk ir-rikorrenti ma gabitx ruha tajjeb, il-principal ma kellhix id-dritt li tittermina l-impieg tar-rikorrenti fuq allegat kaz ta' dixxiplina, imma kienet obbligata li jekk kien hemm nuqqas ta' imgieba kellha tghaddi lir-rikorrenti process ta' dixxiplina.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li r-rikorrenti kienet ghadha fl'impieg sat-30 ta' Settembru u ghaldaqstant l-principal jekk hasset li ir-rikorrenti ma kienitx qed iggieb ruha sewwa, kellha tiskatta il-process ta' dixxiplina u ma kellix id-dritt li tiehu decizjoni unilaterali li tiddixplina lir-rikorrenti billi ma zzommix fl'impieg.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-aspett tat-Terminal Benefits u dan peress li ghal diversi drabi matul il-kaz saret riferenza ghalija. It-Tribunal Industrijali meta jezamina din il-klawsola jsib, li fi klawsola 16 hemm riferenza li tghid "(Terminal Benefits) will be held in abeyance on the date of signing of this Agreement and will be revisted after a period of twelve months from the date of signing "**

**Peress li mill-provi jirrizulta li diskussjonijiet dwar din il-materja qatt ma saru, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni li din il-klawsola baqghet inkonklussiva. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma wkoll, li mhux kompitu ta' dan it-Tribunal Industrijali li jittratta din il-kundizzjoni tax-xoghol, u dan ghal raguni li din hi materja li tigi trattata taht il-provedimenti mhux ta' Kwistjoni tax-Xoghol imma taht il-provedimenti ta' Tilwima tax-Xoghol.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni, li r-rikorrenti kellha tinzamm fl'impieg ghax kellha seniority (anzjanita fis-servizz) aktar minn haddiehor.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li l-principal ma kellhix id-dritt li tiddeciedi li ma zzommx lir-rikorrenti fl'impieg fuq allegat ta' imgieba hazina minghajr qabel ma tghaddi lir-rikorrenti process ta' dixxiplina. F'diversi okkazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' dixxiplina fil-konfront ta' l-impjegat u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji, is-sid ghandu jinforma lill impjegat bil-miktub x'kienu in-nuqqasijiet tieghu, jghatih l-opportunita li jiddefendi l-alleggazzjonijiet li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jigi moghti l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu, anke jekk ikun irid li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju l-principal ta' l-iskola ma tghat l-opportunita lir-rikorrenti li b'modd xieraq tiddefendi l-allegazzjonijiet ta' imgieba mhux xierqa u l-principal ddecidiet li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' mpjieg hija ngusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrenti ghandha tithallas kumpens minghand Garendon School u minghand Mary Carmen sive Marlene Tua (karta tal-identita bin-numru 941247 (M) fil-kariga taghha ta' Principal tal-istess skola s-somma li tammonta ghal €6,000 (sitt**

**t'elef ewro) liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet, ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien sabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghjan ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 7 ta' Marzu, 2019**